MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT

### ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Numru. 77/2014

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Dominic Mercieca ta' 33 sena, iben Raymond u Genoveffa xebba Micallef, imwieled Pieta, fit-13 ta' Frar 1980. Residenti 6, Mary, Triq il-Freres, Gzira u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 131780(M).

Talli;

Xi zmien fis-sena 2013 f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq jew akwistati b`reat u cioe` mobile phone ta' ghamla Samsung S3 mini li l-valur jeccedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centemzu (€232.94).

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti m’ghandiex ghazla hlief issibb lill-istess imputat Dominic Mercieca hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghal daqstant qieghda tordna li jitqieghed taht Ordni ta’ ‘Probation’ ghall-perijodu ta’ tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------